Minuti tal-laqgħa numru sittin (60) tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi li nzammet nhar it-Tnejn, 25 ta' Settembru 2023, fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, il-Qrendi fil-5,30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Prezenti: | Is-Sur David Schembri | Sindku |
| | Is-Sur Patrick Bugeja | Viċi Sindku |
| | Is-Sa Marion Parnis | Kunsillier |
| | Is-Sur Daniel Farrugia | Kunsillier |
| | Is-Sur Charles Zerafa | Kunsillier |
| | Is-Sur Anthony Bonello | Deputat Segretarju Ezekuttiv |

60.01 **Presedenza tal-laqgħa u Qari tal-Ittri ta' apoloġiji** Ftuħ

Ma kienx hemm. Is-Sindku, is-Sur David Schembri ippresjeda l-laqgħa.

60.02 **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti numru disgħa u ħamsin (59)** Minuti

Il-minuti tas-seduta numru disgħa u ħamsin kienu approvati b'dawn il-korrezzjonijiet. Il-kunsillier is-Sur Charles Zerafa bi zvista kien imnizzel b'kunjomu Farrugia bi zball diversi drabi. Il-kunjom tas-Sur Ryan Mercieca ma kienx imnizzel f'punt 59.09 u 59.10. Lanqas kien imnizzel il-kunjom Ms Mikaela Vassallo f'punt 59.05. U kien hemm f'59.15.05 qtugħ tal-kliem 'wara tant ilmenti' fl-ewwel sentenza. U t-tieni sentenza kompliet 'Is-Sindku talab biex nistaqsu lir-residenti jekk jixtiqux jew le (il-litter bin) għaliex hija (Is-Sa M Parnis) kellha talba biex dan jerġa' jitwaħħal.'

60.03 **Komunikazzjoni mis-Sindku**

60.03.01 Is-Sindku, is-Sur David Schembri informa lill-kunsillieri kif se jkun qed jassisti biex iseħħu tours mill-Awtorità tal-Ippjanar fil-Qrendi bejn Ottubru 2023 u Mejju 2024 fuq skala Nazzjonali. Għal dawn it-tours se jkun hemm zgur konkorrenza konsiderevoli minn bosta Maltin. Tours fil-Qrendi

60.03.02 Is-Sindku, is-Sur David Schembri semma' l-istedina li saret min-Notebook Centre biex joffru 12-il xahar ta' servizz ta' formatting, virus removal u servicing ta' laptops lir-residenti tal-Qrendi mingħajr ħlas għalihom u għall-Kunsill Lokali tal-Qrendi tkun tiswa' €5,000 Vat eskluz. Il-Kunsill Lokali tal-Qrendi ma qabilx ma din l-offerta għaliex ħadd ma jaf kemm se tkun il-konkorrenza minn qabel. Notebook Centre

60.03.03 Is-Sindku, is-Sur David Schembri innota l-artiklu Unveiling Secrets and Restoring Legacy fil-ġurnal prestiġjuz Review tal-Malta Architecture and Spatial Planning Awards Publication, fejn jissemma l-award bħala Winner tas-Santwarju tal-Ħniena, cioe' fuq ir-restawr li sar mid-Direttorat tar-Restawr dan l-aħħar. Santwarju tal-Ħniena.

60.04 **Mistoqsijiet tal-Kunsillieri/Punti oħra**

60.04.01 Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv iċċirkula ir-rapport ta' evalwazzjoni li ħareġ mis-sistema tal-e-tenders *'Tender for the Professional Services of an Architect to the Qrendi Local Council, QLC1_23'*. L-Evalwaturi qed jirrakkomandaw lil *Design and Technical Resources Ltd* bħala l-aktar Offerta tal-Perit

offerta rħisa u *compliant*. Il-Kunsill Lokali tal-Qrendi qabel unanimament li din l-offerta tingħata lil dan il-bidder.

60.04.02 Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv iċċirkula ir-rapport ta' evalwazzjoni li ħareġ mis-sistema tal-e-tenders *'Tender for the Provision and Maintenance of Traffia Signs and Road Markings for the Qrendi Local Council in an environmentally friendly manner , QLC3_23'.* L-Evalwaturi qed jirrakkomandaw lil Koperattiva Tabelli u Sinjali bħala l-aktar offerta irħisa u 'compliant'. Il-Kunsill Lokali tal-Qrendi qabel unanimament li din l-offerta tingħata lil dan il-bidder. Offerta tat-Tabelli u s-Sinjali

60.04.03 Is-Sur David Schembri, is-Sindku, qal illi attenda laqgħa nhar is-6 ta' Settembru fl-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar ir-residential parking u timed parking. Hu qal illi fl-opinjoni tiegħu din ma tgħoddx għall-Qrendi minkejja li se jsir document mill-AKL. Madankollu hu preokkupat dwar it-trakkijiet kummerċjali li qed jitħallew barra bil-lejl u karozzi mhux liċenzjati li hawn. Dwar il-vetturi imsejħin tal-Y plates, dawn mhux jirrizulta li huma problema fil-Qrendi. Vetturi tal-Y-Plates

60.04.04 Nhar is-7 ta' Settembru, is-Sindku, is-Sur David Schembri u d-DSE attendew seminar organizzat mill-ERA fejn fost is-suġġetti diskussi kien hemm fuq l-agenda il-ħinijiet tal-ġbir tal-iskart, il-ħlasijiet tar-rimi fil-mizbliet ecc. Is-Sindku, is-Sur David Schembri qal waqt dan is-seminar li għandna problema fil-Qrendi bl-unauthorised collections tal-iskart. Il-KLQ kien imfakkar illi minn Ottubru se tidħol fis-seħħ bħala obbligatorja il-ligi tas-separazzjoni tal-iskart. Dwar il-proposta mir-Reġjun Punent biex il-ġabra tal-ħġieġ issir nhar t'Erbgħa flok il-Ġimgħa biex min joħroġ il-ħġieġ fil-kartun u dan ma jinġabarx, tal-inqas jinġabar mal-kollezzjoni tal-Ħamis, ma kienx hemm qbil għaliex in-nies draw issa li dan jinġabar kull ewwel u t-tielet Ġimgħa tax-xahar. Skart

60.04.05 Is-Sindku, is-Sur David Schembri nhar l-10 u 11 ta' Settembru, iltaqa' fil-Pjazza tal-Ħniena u fl-uffiċċju tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet dwar l-ippjanar kif se tkun embellished il-Pjazza tal-Ħniena. Qed ikun rakkomandat li din issir bil-paving blocks tal-lava u / jew printed concrete. Pjazza tal-Ħniena

60.04.06 Is-Sindku, is-Sur David Schembri inorma lill-KLQ illi nhar il-15 ta' Settembru kien hawn fostna l-Onor Aaron Farrugia, li min-naħa tiegħu wera interess biex jgħin dwar Zjara mill-Onor Aaron Farrugia, Ministru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali

(i) il-bankina ta' Triq il-Panorama li spiċċat,
(ii) is-sigurta ta' Triq it-Tempesta fir-rigward ta' traffiku u inċidenti. Dwar dan se nkunu qed niċċirkulaw ir-road safety audit.
(iii) Il-problema bil-qagħda tal-ilma tax-xita fi Triq il-Ġwiewel u s-soluzzjoni tas-soak away li jidher li kienet aċċettata mill-awtoritajiet.

60.04.07 Is-Sindku, is-Sur David Schebmri tkellem dwar iz-zjara tad-19 ta' Settembru mill-Onor Stefan Zrinzo Azzopardi, Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar, fejn il-Madonna tal-Lourdes fi Triq l-Imqabba. Hawn hu maħsub li jsir proġett ta' family park u din il-biċċa se tkun inkluza mal-proġett. Intant, il-proġett se jkun qed jiġi ffinanzjat minn Project Green u se jinbidel f'family park. Dwar il-kunċett intalbet l-opinjoni wkoll tas-Sindku tal-Imqabba wkoll peress li jaqa' fil-konfini tagħhom. Family Park f'Tat-Torba

| | | |
|---|---|---|
| 60.04.08 | Is-Sindku, is-Sur David Schembri tkellem dwar il-picnic area 'il fuq mill-ħarrubiet il-kbar fil-Pjazza ta' San Mattew. Hu qal illi dan se jkun imsemmi Park Nikola Aquilina u se jitpoġġew panels bl-informazzjoni għall-benefiċċju ta' min izuru. Fil-futur qrib se ssir l-inawgurazzjoni tiegħu. | Picnic Area fil-Pjazza tal-Maqluba. |
| 60.04.09 | Nhar it-22 ta' Settembru, is-Sindku, is-Sur David Schembri akkumpanja lis-Sur Gabriel Camilleri waqt is-sezzjoni tal-Parlament taz-Żgħazagħ. Is-Sur Camilleri kien qed jirrapprezenta lill-Qrendi u ta impressjoni tajba ħafna minkejja li skont is-Sindku, din kienet sezzjoni tajba fejn il-vuċi taz-zgħazagħ kienet apprezzata ferm. | Parlament taz-Zgħazagħ |
| 60.04.10 | Is-Sindku, is-Sur David Schembri informa lill-kunsillieri illi nhar it-23 ta' Ottubru, konna mitlubin noħorġu l-permessi/no objection biex jinħadem film f'Wied iz-Zurrieq. Hu qal li dawn se jagħtu kontribuzzjoni lill-KLQ. | Ġbid ta' Film f'Wied iz-Zurrieq |
| 60.04.11 | Is-Sur David Schembri, is-Sindku, qal illi konna infurmati mill-Awtorita tal-Ippjanar li se jkun qed jgħaddi drone minn fuq il-Qrendi li se jkun qed jagħmel mapping tal-lokalitá. | Drone fuq il-Qrendi |
| 60.04.12 | Is-Sur David Schembri, is-Sindku tkellem fuq il-fondi li se jagħtuna tal-Kultura mir-Reġjun Punent. Hu qal li avviċinatna is-Sa Maria Daniela Farrugia biex isir kunċert tal-Milied bil-kollaborazzjoni tal-Isptar Mount Carmel biex nagħmlu uzu minn €2,000 u jkollna fostna orkestra zgħira fil-Qrendi. | Orkestra fil-Qrendi |
| 60.04.13 | Ir-Reġjun Punent se jkun qed jiffinanzja €3,400 biex issir manutanzjoni ta' tabelli u sinjali tat-traffiku fil-Qrendi. Hawn is-Sindku, is-Sur David Schembri qal illi madankollu il-Qrendi għandu pilot project mal-Gvern Ċentrali u qed jagħmilli ħafna tabelli l-istess Gvern Ċentrali. | Tabelli u Sinjali tat-traffiku |
| 60.04.14 | Is-Sindku, is-Sur David Schembri semma' Triq il-Warda u Triq iz-Zurrieq fejn tqatta' l-gandott, dan imtela' bil-lean mix flimkien mal-gandott fi Triq Sant' Anna u Triq San Mattew u r-reinstatement bil-qatran baqa' ma sarx. Dan qed jitfa' dell ikraħ fuq il-KLQ minkejja li l-gandott ikun sar għal xi entita' oħra biex jgħaddu feeders ġodda. Se nibqgħu niġru warajhom biex ix-xogħol jintemm b'wiċċ il-ġid. | Gandotti magħluqin bil-lean mix u mhux bil-qatran |
| 60.05 | **Diġitalizzazzjoni ta' files tal-Kunsill**<br>Il-Kunsill qabel fil-kunċett li jibda' l-proċess tad-diġitalizzazzjoni tal-files mingħajr obbligazzjoni. Dwar il-mistoqsija jekk hux se jkun hemm Cloud Hosting u għaldaqstant ikun hemm bzonn isiru l-pagamenti biex jinzammu, id-Deputat Segretarju Ezekuttiv qal illi dawn jistgħu jinzammu saħansitra fuq hard disk fl-uffiċċju u jiġu distrutti l-karti biex nagħmlu aktar spazju fl-istores tal-Kunsill. Wieħed irid jibda mid-dokumentazzjoni l-aktar antika u għaldaqstant se niddiskutu wkoll mas-Sa Stephania Grixti dwar il-metodu ta' kif se nipproċedu, għaliex fil-prinċipju kien hemm qbil. | Diġitalizzazzjoni |
| 60.06 | **Attivitajiet Kulturali**<br>Is-Sur David Schembri, is-Sindku, qal illi wasal iz-zmien illi norganizzaw xi attività li tkun immirata għar-residenti. Il-Viċi Sindku qal illi hu m'għandux ċans għal dan minkejja li fil-passat kien hu li organizza madwar sitt outings edukattivi/soċjali. | Outings |
| 60.07 | **Esebizzjoni ta' pittura fil-Kappella ta' San Mattew** | |

Is-Sindku, is-Sur David Schembri informa lill-kunsillieri illi hu iltaqa' mas-Sur Martin Formosa biex jorganizza din l-attività bħala parti mill-proposta tal-pop art exhibition mir-Reġjun Punent. Is-Sur Martin Formosa qiegħed jirrapprezenta il-Malta Pastel Society minkejja li nixtiequ biċċiet tal-arti mhux neċessarjament ikunu magħmula b'dan il-medium. U fuq kollox li jkun hemm prezenza ta' artisti mil-Qrendi. 10% mil-bejgħ tal-opri tal-arti se jkun għad-Dar tal-Providenza. Se jkun hemm inawgurazzjoni uffiċjali kif ukoll il-ħinijiet tal-ftuħ tal-Kappella ta' San Mattew fejn se tkun qed tiġi esebita din il-kollezzjoni se jkun filgħaxija. Dwar il-props, is-Sindku qal illi dawn il-boards/stands jaqbel li jinxtraw u jkunu merfugħa għandna biex nagħmlu uzu minnhom fil-futur. Dwar dan kien hemm qbil għaliex jekk nikru qatt m'huma se jkunu tagħna.

60.08 **Nominazzjonijiet ta' Evalwaturi għat-tender tal-knis tat-toroq** Nominazzjoni ta' Evalwaturi

Kienu nominati dawn il-persuni:
Is-Sur David Schembri – Ċerpersin
Is-Sur Anthony Bonello – Segretarju
Is-Sa Stephania Grixti – Membru
Dr Tiffany Farrugia Attard – Membru
Is-Sur Chris Gravina – Membru

60.09 **Intervisti għall-post ta' Segretarju Ezekuttiv** Segretarju Ezekuttiv

Is-Sindku, is-Sur David Schembri ta dawn id-dettalji lill-kunsillieri. Membru tal-bord tal-intervisti irrezenja u għaldaqstant jonqos li jkun nominat intervistatur ieħor. Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv qal illi f'laqgħa li kien hemm bejn l-avukat tal-Kunsill u z-zewġ membri l-oħra, kien deċiz illi kif jinstab l-intervistatur l-ieħor, tingħata d-data li fiha il-kandidata li rrifjutat li tagħtina il-performance appraisals tagħha, tissottometti l-performance appraisals, u oħra biex isiru l-intervisti. Għaldaqstant il-prijorità hija li jkun approvat intervistatur ieħor mil-Kunsill.

60.10 **Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti numru SCH 01 (29/8/23 – 25/9/23) u SCH 185 (Ref: AA/08-1)** Skeda tal-Pagamenti

L-iskedi tal-pagamenti fuq murija kienu approvati unanimament bil-proponent is-Sur Charles Zerafa u s-sekondant is-Sra Marion Parnis kif muri fuq l-istess skedi.

60.11 **Rapport Finanzjarju tat-Tieni Kwart 2023** Rapport Finanzjarju tat-tieni kwart

Ir-Rapport Finanzjarju tat-tieni kwart kien impoġġi għall-vot fuq proposta tas-Sur Charles Zerafa issekondata mis-Sur Daniel Farrugia u dan ġie approvat unanimament. Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv innota l-FSI pozittiv ferm ta' dan ir-rapport.

60.12 **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** Aġġornament

Il-laqgħa ntemmet fis-7:30pm u dik li jmiss se tinzamm nhar it-23 ta' Ottubru 2023 fil-5.30pm.

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum 23 ta' Ottubru 2023 minn David Schembri

Deputat Segretarju Ezekuttiv Sindku